

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7614 — CVC Capital Partners / Royal DSM (Fibre Intermediates and Composite Resins))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 210/07)

1. Fis-17 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha CVC Capital Partners SICAV-FIS SA ("CVC", il-Lussemburgu) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tan-negozju kollu kemm hu ta' intermedji tal-fibra u raża mħallta ta' Royal DSM NV (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - CVC: hija kumpanija ta' ġestjoni ta' fondi ta' ekwità privata attiva f'diversi industrij, inkluża d-distribuzzjoni ta' sustanzi kimiki;
 - in-negozju ta' intermedji tal-fibra u raża mħallta ta' Royal DSM: jinkludi DSM Fibres Intermediates International BV, DSM Composite Resins Holding International BV, DSM Fibre Intermediates China BV u ċerti entitajiet affiljati, li huma kumpaniji attivi fin-negozju tar-raża mħallta u intemedji tal-fibra.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7614 — CVC Capital Partners / Royal DSM (Fibre Intermediates and Composite Resins, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").